# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1400

KAZ NRU. 1307

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Louis Costa

u

Laferla Insurance Agency Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 11 t'April, 2003

**Chairman : Is-sur Colin Tabone**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferuta lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 26 ta' Jannar, 1999 b'riferenza MSP/TI/9/99 skond il-provvedimenti ta' l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant, Louis Costa, kien assistit mill-avukat Ian Spiteri Bailey, waqt li ghall-kumpanija deher is-sur Mark Laferla assistit mill-avukat Stephen Thake.

Fl-istqarrija twila u dettaljata tal-kaz, l-appellant spjega li meta dahal mal-kumpanija bhala Claims Handler sab ammont ta' xoghol b'lura u ghamel l-almu tieghu ma' ohrajn biex igibu s-sitwazzjoni ghan-normal. Fil-1998 gie trasferit ghan-non Motor Division.

Jistqarr li ghandu delizzju tal-kultura u r-religjoni ta' l-Injani-Amerikani u li kien izomm xaghru twil.

Isemmi wkoll li f'Settembru tal-1998, Charles Galea kien sejjah lil Denise Zammit biex ma titlifx hin fuq it-telefon intern ma' l-appellant. Hu kien infurmat ukoll li ma setax jaghmel jew jircievi ebda call personali hlief jekk ma tkunx mill-mara tieghu.

Semma li s-sur Laferla ma kienx kuntent bih b'xaghru twil u dwar dan id-delizzju. Semmielu wkoll jekk dan id-delizzju jmurx kontra r-religjon u rrispondih li ma kienx.

Tul iz-zmien l-appellant kien ihossu diskriminat u ha pacenzja ghax hassu li kien dedikat ghax-xoghol. Fil-fatt informa lis-sur Laferla li wara l-ahhar safra li kellu jaghmel, kien ser jaqta' xaghru.

Denise Zammit kienet uriet ix-xewqa li tattendi ghas-seminar mieghu.

Meta rritorna, gie msejjah mid-diretturi fejn talbuh biex jirrizenja nkella jaghmluh redundant. Fil-fatt iffirma *resignation form* biex ma jidhirx li tkecca - pero' t-termination letter kienet issemmi misconduct u mhux resignation.

L-appellant sar jaf li meta s-sur Laferla sema' li Denise Zammit kienet siefret mieghu ta hasla lil Charles Galea u Henry Grech u ried ikun jaf ghax ma qalulux li kienu ser isiefru flimkien.

Matul is-safra, l-mara ta' Costa cemplet lis-sur Laferla u hu nfurmaha b'dak li kien ser jaghmel wara r-ritorn ta' l-appellant.

B'dak li gara kullhadd sar jaf li tkecca u ghamililu difficcli biex jerga' jsib xoghol. Il-paga gross tieghu naqset b'Lm110 fix-xahar.

Il-letter of reference qatt ma nghatat, sofra diskriminazzjoni. Tilef ukoll beneficcji.

Min naha tal-kumpanija pprezentat kuntratt ta' l-impjieg, dikjarazzjoni tat-termini ta' l-impjieg u ittra warning tas-17 ta' Settembru tal-1997 u lista ta' xhieda dwar kondotta hazina, u ndixxiplina ta' l-appellant u tal-fatti li jirrigwardaw ir-rizenja ta' l-appellant.

Issemma' wkoll li l-ezistenza tar-relazzjoni bejn l-appellant u Denise Zammit li kienu ilhom jissuspettaw u li din ir-relazzjoni kienet qeghda tfixxkel kemm lill-appellant u kemm lil Denise Zammit. Madankollu baqghu ifixxklu lil xulxin f'xoghlhom.

In vista ta' dan kollu, l-kumpanija ddecidiet illi tittermina l-impjieg ta' l-appellant u nghata l-ghazla li jirrizenja. Fil-bidu, l-appellant ma riedx jirrizenja izda mbaghad accetta u ffirma d-dikjarazzjoni tat-temm ta' l-impjieg. Il-kumpanija rriferiet ukoll li l-appellant kien ripetutament u b'diversi modi wera ndixxiplina u kondotta hazina fil-kors ta' l-impjieg tieghu.

Gew esebiti u pprezentati numru ta' dokumenti miz-zewg partijiet. Gew imtella' numru ta' xhieda.

Fl-ewwel seduta saru zewg verbali mill-avukati taz-zewg nahat dwar l-allegazzjoni li l-formola tat-temm ta' l-impjieg giet iffirmata meta l-ispazju rizervat ghall-raguni tat-temm ta' l-impjieg kien ghandu mhux mimli.

It-Tribunal f'decizjoni preliminari Nru. 1027 fit-13 t'April, 1999, ihoss li dan il-kaz ghandu jigi ezaminat fuq il-bazi ta' terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Louis Costa li kien fuq "grounds of misconduct and behaviour incompatible with your employment" u mhux fuq bazi ta' rizenja.

Il-qofol ta' dan il-kaz huwa wiehed jekk l-appellant kienx responsabbli ghal misconduct u behaviour li huwa nkompatibbli ma' l-impjieg.

Mix-xhieda li gew mressqa ma kien hemm xejn konklussiv dwar il-misconduct ta' l-appellant.

Rigward il-kapacita' u l-kompetenza ta' l-appellant ma gietx stabbilita li ma kienx efficcjenti u kapaci meta wiehed jara li kellu 10 snin eseperjenza f'dan ix-xoghol.

Spikkat mix-xhieda li s-sur Laferla ma kienx kuntent bir-relazzjoni bejn l-appellant u Denise Zammit u agixxa b'insistenza min naha ta' omm Denise Zammit.

Ma rrizultax li l-imsemmija relazzjoni ta' l-appellant naqset l-efficcjenza fuq ix-xoghol. It-transfer ta' l-appellant tista' tghid li kienet immirata biex ibeghdu lill-appellant minn Denise Zammit.

Id-delizzju ta' l-appellant jidher li ma kienx gradit mis-sur Laferla.

It-Tribunal mhux kompetenti li jidhol f'materji ta' dan it-tip u allahares ikun hekk.

Il-fatt tax-xaghar twil ukoll ma kienitx gradita mill-kumpanija, izda mhux il-kaz li bniedem jitkecca ghal dan.

It-Tribunal Industrijali wara li ezaminat x-xhieda u s-sottomissjonijiet finali, ihoss li l-atteggjament tal-kumpanija fir-rigward ta' l-appellant ma kienx intiz fuq in-nuqqas ta' kapacita' ta' l-istess appellant, izda fuq affarijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu mad-dinja tax-xoghol. Ihoss ukoll li x-xhieda ta' l-ex mara ta' l-appellant ma kienitx flokha ghax m'hiex relatata mal-kaz. Il-fatt li l-appellant kellu xaghru twil u li

siefer ma' Denise Zammit fil-jiem ta' vakanza taghhom ma jikkostitwixxux xi nuqqas min naha ta' l-appellant.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali iqis li t-tkeccija ma kienitx ghar-raguni valida skond il-Ligi u jordna dan li gej :

1. Il-kumpanija Laferla Insurance Agency Ltd., ghandha taghti kumpens ta' tlett t'elef lira Maltin (Lm3,000) fi zmien 4 gimghat mid-data tal-lum.

2. Il-kumpanija ghandha wkoll tohrog clean Letter of Reference lill-istess appellant.

Ghall-finijiet ta' l-avviz legali numru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**ft/Colin Tabone**
**Chairman**

**Vera kopja**

--------------
**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**